**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "Għarfien aħjar tas-sitwazzjoni permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza marittima: il-passi li jmiss fi ħdan l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE"**

*(COM(2014) 451 final)*

(2015/C 230/16)

**Relatur: is-Sur POLYZOGOPOULOS**

Nhar l-20 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:Għarfien aħjar tas-sitwazzjoni permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza marittima: il-passi li jmiss fi ħdan l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE*

COM(2014) 451 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-11 ta' Novembru 2014.

Matul il-503 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2014 (seduta tal-10 ta' Diċembru 2014), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'unanimità.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv il-Komunikazzjoni li qed tiġi analizzata peress li din tagħmel parti mill-kontinwità loġika tal-impenji mnedija għall-implimentazzjoni tas-sorveljanza marittima effikaċi u aktar ta' profitt, mil-lat finanzjarju, li hija wieħed mill-għanijiet strateġiċi tal-Politika Marittima Integrata (PMI), u jirrimarka li t-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet inkarigati minn din is-sorveljanza hija marbuta b'mod essenzjali mal-protezzjoni tal-Unjoni, is-sigurtà u l-ekonomija tagħha u l-ġejjieni tal-ambjent tagħha.

Il-KESE jirrikonoxxi l-progress li sar fil-livell Ewropew u dak nazzjonali minn meta ġie elaborat il-pjan direzzjonali tal-2010 ([1]), filwaqt li, madankollu, iqis li jkun partikolarment aktar utli li dan il-progress jiġi kkalkolat b'mod aktar preċiż meta mqabbel mal-għanijiet u s-sitt passi ta' dan il-pjan direzzjonali u l-Komunikazzjoni tal-15 ta' Ottubru 2009 ([2]).

1.2. Dan l-aħħar il-KESE osserva ([3]) li fil-qasam tas-sigurtà marittima qed jiżdiedu l-isfidi ġeopolitiċi, strateġiċi u ambjentali. Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex mill-aktar fis possibbli tispeċifika u tħaffef il-"proċess ta' reviżjoni biex tivvaluta l-implimentazzjoni ta' CISE Marittimu u l-ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri" ([4]) li għandhom jitnedew sal-2018.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li fl-iżvilupp ulterjuri tas-CISE ("ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni") għandu jsir użu mill-ambitu estiż u l-possibbiltajiet li toffri l-Komunikazzjoni reċenti dwar l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ([5]) sabiex jiġi żviluppat approċċ aġġornat, koerenti u globali għas-sorveljanza marittima.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tispeċifika kif jistgħu jitħeġġu l-Istati Membri "bil-ħidma ta' modernizzazzjoni tas-sistema informatika ta' sorveljanza marittima tagħhom" mingħajr ma jkollhom mezzi addizzjonali oħra għal dan il-għan ħlief "finanzjament (…) biex isostni titjib żgħir" ([6]) u jirrakkomanda li tiġi direzzjonata jew investita mill-ġdid parti mir-riżorsi mfaddla sabiex jimtlew il-lakuni tas-CISE u biex din titjieb globalment.

---

([1]) Pjan direzzjonali li jistabbilixxi Ambjent Komuni Għall-Iskambju ta' Informazzjoni għas-sorveljanza tad-dominju marittimu tal-UE, COM(2010) 584 final.

([2]) Lejn l-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima: Ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE, COM (2009)538 final.

([3]) Opinjoni tal-KESE dwar "L-Istrateġija tas-Sigurtá Marittima tal-UE", ĠU C 458, 19.12.2014, p. 61.

([4]) COM(2014) 451 final, p. 9.

([5]) "Għal qasam marittimu dinji miftuħ u sigur: l-elementi għal Strateġija ta' Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea" (JOIN(2014) 9 final).

([6]) COM(2014) 451 final, p. 8.

1.5. Peress li l-proġett huwa fuq bażi volontarja u minħabba l-importanza li din tassumi fil-qasam tar-rieda politika, kif ukoll tal-ostakli kulturali li jirriżultaw, fost l-oħrajn, mill-mentalitajiet, l-istereotipi u l-metodi ta' ħidma li ilhom snin stabbiliti, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq azzjonijiet edukattivi jew ta' taħriġ u inizjattivi li jistgħu jrawmu l-fiduċja mill-ġdid, billi jkunu bbażati fuq l-esperjenzi pożittivi eżistenti, bħalma huma n-North Atlantic Coast Guard Forum jew l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Awtoritajiet tal-Fanali

1.6. Madankollu jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod aktar ċar b'liema taħlita ta' miżuri beħsiebha tindirizza, fil-perjodu qasir u dak twil, l-ostakli legali u tekniċi li jikkumplikaw il-konsolidazzjoni ta' CISE effikaċi.

1.7. Il-KESE jipprevedi li l-evoluzzjoni mgħaġġla ħafna tal-mezzi informatiċi inevitabbilment tesponi kwalunkwe ambjent ġdid ta' skambju ta' informazzjoni sensittiva, bħalma hu s-CISE għal attakki ([7]) ċibernetiċi iżda wkoll mit-terroristi b'konsegwenzi potenzjali li ma jistgħux jiġu kwantifikati għas-sigurtà tat-trasport, l-iskambji, il-portijiet, il-bastimenti, l-ekwipaġġi u l-merkanzija u għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni tanalizza b'mod immedjat il-kwistjoni taċ-ċibersigurtà fit-trasport marittimu u li toħloq miżuri speċifiċi biex tipproteġi s-CISE. Ir-rapport tal-2014 tad-Direttorat tal-Verifika tal-Kungress tal-Istati Uniti (Government Accountability Office, GAO) dwar "Il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika" (http://gao.gov/products/GAO-14-459) juri l-urġenza tas-sitwazzjoni.

1.8. Il-KESE jenfasizza li għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni u l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza marittima permezz tas-CISE ser jikkontribwixxu wkoll għall-protezzjoni tal-integrità ekoloġika tal-qasam marittimu tal-UE, billi jiġu preservati aħjar il-bijodiversità u r-riżorsi tal-baħar mill-aċċidenti nukleari, mir-rimi illegali ta' sustanzi tossiċi, inċidenti gravi li jikkonċernaw sustanzi li jniġġsu, kif ukoll it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, it-titjib tas-sigurtà tal-kejbils u l-pajpijiet ta' taħt il-baħar ser isaħħaħ l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Sabiex nifhmu r-riskji u t-theddid, huwa importanti ħafna li jkollna aċċess f'waqtu għal informazzjoni preċiża u li nkunu nistgħu nibnu stampa komuni u valida tas-sitwazzjoni marittima. L-integrazzjoni ta' sorsi differenti ta' data u l-koordinazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu għal komprensjoni aħjar tal-isfidi marittimi attwali u joħolqu valur miżjud permezz tal-użu effikaċi ta' riżorsi limitati.

2.2. F'dan il-kuntest, l-iskambju ottimu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza marittima jikkostitwixxi wieħed mill-objettivi strateġiċi tal-politika marittima integrata. L-iżvilupp ta' ambjent komuni għall-qsim ta' informazzjoni għad-dominju marittimu tal-UE kien is-suġġett ta' żewġ Komunikazzjonijiet ippubblikati mill-Kummissjoni fl-2009 u l-2010 ([8]).

2.3. Fl-2012, it-tisħiħ tas-sigurtà marittima permezz tas-sorveljanza integrata tal-ibħra ġie kkunsidrat bħala element bażiku tal-programm favur it-tkabbir blu, li għandu l-għan li joħloq it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija marittima ([9]).

2.4. Il-Komunikazzjoni konġunta reċenti (2014) dwar l-Istrateġija tal-UE dwar is-sigurtà marittima ([10]) tikkonferma, permezz ta' argumenti sostanzjati, l-importanza tas-sorveljanza marittima u tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-affarijiet marittimi bħala element essenzjali tas-sigurtà marittima.

## 3. **Il-punti prinċipali tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni**

3.1. Il-Komunikazzjoni tippreżenta l-progress li sar fil-livell Ewropew u nazzjonali wara t-tnedija tal-pjan direzzjonali tas-CISE, li jikkostitwixxi proċess ta' kollaborazzjoni volontarja permanenti bil-għan li jissaħħu l-għarfien, l-effikaċja, il-kwalità, il-kapaċitajiet ta' reazzjoni u l-koordinazzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet ta' sorveljanza tal-qasam marittimu Ewropew, kif ukoll biex titħeġġeġ l-innovazzjoni.

3.2. Apparti l-iskambju tal-informazzjoni, l-UE, flimkien mas-CISE, għandha l-għan li din l-informazzjoni tintuża aktar minn darba u b'mod korrett mill-komunitajiet differenti ta' utenti, mingħajr duplikazzjoni, permezz ta' netwerk deċentralizzat ta' sorveljanza marittima li jirrispetta d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u r-regoli internazzjonali. Il-CISE ma jissostitwixxix is-sistemi u l-pjattaformi ta' skambju ta' informazzjoni li jeżistu bħalissa u m'għandux impatt fuq l-istrutturi relatati jew fuq il-leġislazzjoni li teżisti fl-Istati Membri.

([7]) Ara l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar "Attakki ċibernetiċi fl-UE", ĠU C 451, 16.12.2014, p. 31.
([8]) COM(2009) 538 final u COM(2010) 584 final.
([9]) COM(2012) 494 final.
([10]) JOIN(2014) 9 final.

3.3. B'mod aktar speċifiku, il-pjan direzzjonali ([11]) stabilixxa sitt stadji għall-iżvilupp tas-CISE – l-identifikazzjoni tal-komunitajiet tal-utenti, l-identifikazzjoni ta' gruppi ta' data u analiżi tad-differenza għal skambju tad-data, livelli komuni ta' klassifikazzjoni tad-data, l-iżvilupp ta' qafas ta' appoġġ, l-istabbiliment ta' drittijiet ta' aċċess u fl-aħħar it-twaqqif ta' qafas legali koerenti.

3.4. Is-CISE jikkonċerna s-setturi ta' intervent li ġejjin: 1) is-sigurtà marittima (inklużi r-riċerka u s-salvataġġ), is-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti, 2) il-kontroll tas-sajd, 3) it-tħejjija u r-reazzjoni fil-qasam tat-tniġġis aċċidentali tal-baħar u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, 4) id-dwana, 5) il-kontrolli fil-fruntieri, 6) l-applikazzjoni ġenerali tal-leġislazzjoni u 7) id-difiża.

3.5. L-iffrankar potenzjali li tista' tikseb l-ekonomija Ewropea, fir-rigward ta' spejjeż amministrattivi u operattivi, jammonta għal madwar EUR 400 miljun fis-sena u madwar EUR 40 miljun fis-sena direttament għall-awtoritajiet pubbliċi. L-investimenti relatati matul l-ewwel għaxar snin huma stmati għal madwar EUR 10 miljun fuq bażi annwali.

## 4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Huwa u jenfasizza l-importanza kwantitattiva tal-qasam marittimu Ewropew u l-firxa tiegħu mil-lat tal-impjieg u l-ekonomija, fl-opinjonijiet preċendenti tiegħu, il-KESE għamel kummenti u rakkomandazzjonijiet rilevanti dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-politika marittima Ewropea ([12]) u esprima ruħu b'mod iddettaljat kemm dwar il-kwistjonijiet ġenerali tas-sigurtà fil-baħar kif ukoll dwar il-kwistjonijiet li jolqtu b'mod aktar speċifiku s-sorveljanza marittima integrata, u indika li biex tiġi żgurata din is-sorveljanza hemm bżonn ta' mekkaniżmu integrat ([13]).

4.2. Peress li jaqbel ma' approċċ transsettorjali fir-rigward tal-ġestjoni tal-ibħra, il-KESE enfasizza b'mod aktar speċifiku li biex jinkiseb suq marittimu verament integrat huwa indispensabbli li s-servizzi ta' spezzjonar, il-gwardja kostali u l-flotot navali tal-gwerra tal-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib, li jirrikjedi l-istabbiliment ta' struttura ta' skambju ta' informazzjoni u sistema integrata ta' sorveljanza tal-baħar ([14]).

4.3. Il-KESE esprima ruħu wkoll favur mekkaniżmu komuni ta' sorveljanza komuni għall-UE kollha bbażat fuq qafas legali armonizzat bil-għan li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni, sensittiva u mhux, bejn l-awtoritajiet, l-aġenziji u l-utenti tal-Istati Membri tal-Unjoni ([15]).

4.4. Il-KESE jenfasizza b'mod partikolari li jeħtieġ li jiġu ċċarati u jissaħħu l-istrutturi ta' governanza u r-riżorsi jekk irridu niżguraw il-vijabbiltà tal-inizjattiva li qed tiġi analizzata, li hija ta' kumplessità u ambizzjoni eċċezzjonali, u li fiha qed jipparteċipaw aktar minn 400 awtorità, li qed jamministraw volum enormi ta' informazzjoni relatata mas-sorveljanza marittima, fost dawn insibu l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE u taż-ŻEE kif ukoll diversi korpi tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA).

4.5. Il-KESE jinnota li, peress li din l-azzjoni hija ta' natura volontarja u fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huma l-Istati Membri li, f'kuntest ta' awsterità baġitarja u ta' kriżi, jassumu rwol ċentrali li jwassal għal piżijiet addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom u spejjeż kbar biex jimmodernizzaw u jagħmlu kompatibbli it-tagħmir informatiku rispettiv tagħhom, li jiddependu fil-biċċa l-kbira – madwar kwart minnhom – fuq arkitettura monolitiku u qadima. Dwar dan il-punt, nistgħu nirreferu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2014) 224 final – Sinteżi tal-analiżi tal-impatt, u għad-dokument ta' Gartner, 2013, *Sustainability and Efficiency of Visions for CISE* [Is-sostenibbiltà u l-effiċjenza tal-viżjonijiet għas-CISE], mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea.

([11]) COM(2010) 584 final.
([12]) Ara b'mod partikolari: ĠU C 211, 19.8.2008, p. 31-36; ĠU C 128, 18.5.2010, p. 131-135; ĠU C 107, 6.4.2011, p. 64-67; ĠU C 161, 6.6.2013, p. 87-92; ĠU C 255, 22.9.2010, p. 103-109.
([13]) Ara b'mod partikolari: ĠU C 44, 11.2.2011, p. 173-177; ĠU C 67, 6.3.2014, p. 32-46; ĠU C 76, 14.3.2013, p. 15-19; ĠU C 168, 20.7.2007, p. 57-62; ĠU C 32, 5.2.2004, p. 21-27; ĠU C 61, 14.3.2003, p. 174-183; u ĠU C 458, 19.12.2014, p. 61.
([14]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 64-67.
([15]) ĠU C 44, 11.2.2011, p. 173-177.

4.6. Fid-dawl tal-istudju li sar dwar il-valutazzjoni tar-riskji fil-qasam marittimu tal-UE għall-ħmistax il-sena li ġejjin, il-KESE jqis li fil-ġerarkija tal-informazzjoni li ser tiġi skambjata jeħtieġ li tingħata prijorità lill-identifikazzjoni effikaċi tal-perikli, it-theddid u d-dgħufijiet, f'kull settur b'mod partikolari fiż-żoni marittimi iżda wkoll fuq livell aktar ġenerali. (Ara Wise Pen International, 2013. *Risk Assessment Study as an Integral Part of the Impact Assessment in Support of a CISE for the EU Maritime Domain* [Studju ta' valutazzjoni tar-riskju bħala parti integrali mill-valutazzjoni tal-impatt li jappoġġja s-CISE għal qasam marittimu tal-UE], mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea).

4.7. Fi kwalunkwe każ, il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data sensittiva personali jew kummerċjali jikkostitwixxu kwistjonijiet ta' importanza kbira. Il-KESE jqis li dawn iż-żewġ kwistjonijiet għandhom jingħataw aktar attenzjoni u jiġu speċifikati aktar, u jirreferi għall-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet li għamel preċedentement dwar is-suġġett.

4.8. Il-KESE jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu fir-rigward tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali dwar is-CISE, permezz tal-programmi BlueMassMed, Marsuno u CoopP, li kkonfermaw il-ħtieġa operattiva tal-iskambju intersettorjali ta' informazzjoni u kkontribwixxew biex jiġi ċċarat is-suġġett; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex testendi l-isforzi tagħha.

4.9. Il-KESE jqis ukoll b'mod inkoraġġanti l-avvanzi li diġà ġew indikati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' diversi mekkaniżmi ([16]) bil-għan li jinkisbu l-objettivi fid-diversi oqsma ta' azzjoni u li, f'ċerti każijiet, ikopru aktar minn qasam wieħed.

4.10. Il-KESE jenfasizza li l-ġeografija marittima tal-Unjoni Ewropea, li bis-sitt baċiri marittimi tagħha, ir-reġjuni ultraperiferiċi tagħha u l-ispeċifiċitajiet taż-żoni insulari tagħha, hija unika fin-natura tagħha u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li f'sitwazzjonijiet ta' theddid u riskju kbar ta' dimensjoni dinjija, l-għarfien u l-effiċjenza tas-CISE ma jistgħux jissaħħu jekk ma tiżdiedx ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali, reġjonali u transkonfinali, billi tingħata l-attenzjoni meħtieġa lill-iskambju tal-informazzjoni magħżula ma' pajjiżi terzi u lill-analiżi tal-kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' reċiproċità ta' din id-data.

4.11. Il-KESE jqis li approċċ koerenti tas-sorveljanza marittima, fl-UE u fil-livell internazzjonali, għandu jqis il-kwistjonijiet marbuta mat-tfassil u t-twettiq ta' missjonijiet u operazzjonijiet li jikkonċernaw il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK).

4.12. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-titjib sinifikanti li sar fl-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet ċivili u l-awtoritajiet militari, li huma fost id-detenturi prinċipali ta' data dwar is-sorveljanza marittima u jistedinhom jikkunsidraw l-użu mmirat tar-riżorsi tan-NATO. Barra minn hekk ifakkar fis-soluzzjonijiet eżemplari ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċivil u l-militar, fil-livell nazzjonali u Ewropew, li diġà ġew żviluppati fil-qafas tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur).

4.13. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha biex tagħmel użu aħjar mir-riżorsi u d-data spazjali biex tiżviluppa s-CISE, peress li s-sorveljanza marittima hija waħda mill-oqsma ta' użu tas-sistemi satellitari tal-UE. Pereżempju, is-servizzi ta' sorveljanza marittima ta' Copernicus (dak li qabel kien il-Programm GMES ta' "Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà") jappoġġjaw azzjonijiet immirati għall-ġlieda kontra l-piraterija, it-traffikar tad-droga, is-sajd illegali, kif ukoll ir-rimi ta' skart tossiku, f'kooperazzjoni mas-servizzi bħalma huma Frontex, Emsa jew iċ-Ċentru Satellitari biex jiżgura s-sigurtà tal-fruntieri fuq l-artfilwaq t li jikkontribwixxu għall-applikazzjonijiet ta' sigurtà fir-rigward tas-sorveljanza tal-fruntieri marittimi esterni tal-UE.

4.14. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina mill-aktar fis il-kwistjoni taċ-ċibersigurtà fit-trasport marittimu u tistabbilixxi miżuri speċifiċi biex tipproteġi s-CISE, billi tikkunsidra li huwa indispensabbli li tiġi żgurata koordinazzjoni orizzontali partikolarment b'saħħitha tal-awtoritajiet ikkonċernati.

5. **Kwistjonijiet speċifiċi**

5.1. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni sabiex tamministra l-aspetti tekniċi diffiċli tal-interoperabbiltà u l-arkitettura tal-applikazzjonijiet, is-sistemi u s-servizzi, pereżempju fir-rigward tal-varjazzjonijiet kwalitattivi tad-data bejn is-softwer u l-mekkaniżmi differenti li għandhom riperkussjonijiet kbar fuq l-implimentazzjoni korretta tal-CISE u l-affidabbiltà tiegħu ([17]).

([16]) COM(2014) 451 final, p. 5.
([17]) COM(2014) 451 final.

5.2. Il-KESE jemmen li l-ħolqien ta' ambjent komuni ta' skambju tal-informazzjoni għas-settur marittimu jista' joffri lill-UE prospetti ta' impjieg u ta' attività intraprenditorjali innovattivi, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT). Barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tenfasizza dan l-aspett importanti tal-proġett.

5.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha biex tegħleb l-ostakoli kulturali għall-iskambju u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni u jqis li, biex titrawwem il-fiduċja u tiġi promossa mentalità ta' kondiviżjoni bil-għan ta' sensibilizzazzjoni (*care to share to be aware*), kemm fis-setturi kkonċernati kif ukoll bejniethom, mhuwiex biżżejjed li jiġi ppubblikat manwal mhux vinkolanti li jiġbor fih ir-rakkomandazzjonijiet tal-prattiki tajba għall-implimentazzjoni tas-CISE.

5.4. Id-differenzi trassettorjali li jeżistu fl-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima joħolqu inkonsistenzi kbar fl-isforzi li jsiru biex dawn jiġu armonizzati mas-CISE. B'hekk, ċerti pajjiżi ssemplifikaw is-sistemi informatiċi intiżi għal din is-sorveljanza, filwaqt li pajjiżi oħra ma għamlux dan. Uħud nedew movimenti b'saħħithom biex jiżguraw il-kooperazzjoni elettronika bejn is-setturi fuq it-territorju tagħhom mentri oħrajn ippreżentaw mekkaniżmi informatiċi settorjali li għadhom magħluqa.

5.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi tal-Kummissjoni bil-għan li jiġu stabbiliti regoli sabiex jitfassal mudell komuni tad-data, f'dan il-każ lista ta' termini, definizzjonijiet, konvenzjonijiet ta' denominazzjoni, formati tad-data u r-relazzjonijiet bejn id-data, li ser jikkostitwixxi għodda għat-"traduzzjoni" tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni dwar is-sorveljanza marittima, b'mod partikolari bejn is-sistemi ċivili u militari.

5.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fl-introduzzjoni ta' punti uniċi ta' servizz nazzjonali li joffru pjattaformi ċentrali nazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni bil-għan li jitressqu dikjarazzjonijiet u jkun hemm skambju tad-data dwar il-bastimenti. Dawn il-pjattaformi ser ikunu f'koordinazzjoni mas-sistema magħquda ta' skambju ta' informazzjoni marittima tal-Unjoni kif ukoll ma' sistemi oħra. Il-prattiki tajba f'dan ir-rigward li ġew identifikati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) u r-rakkomandazzjoni numru 33 ta' din il-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tal-iskambji kummerċjali u t-trasport jikkostitwixxu wkoll punt ta' referenza utli għas-CISE.

5.7. Il-KESE jqis li jeħtieġ li tiġi indirizzata d-diffikultà serja tad-dipendenza tal-pjattaformi informatiċi fir-rigward tal-provvedituri rispettivi tagħhom. Din id-dipendenza tikkumplika l-interoperabbiltà tagħhom peress li, f'madwar 85 % tal-każijiet, is-sistemi informatiċi ta' sorveljanza marittima użati fl-Istati Membri jibbażaw fuq infrastruttura speċifika u ma ġewx standardizzati, iżda xorta jibqgħu jiddependu minn dawn l-istess provvedituri għal kwalunkwe aġġornament jew adattament eventwali.

Brussell, l-10 ta' Diċembru 2014.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE